# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 27 ta' Mejju 2002**

**Appell Nru 62/2002G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin Cremona**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin Cremona:

**(1)** talli fit-22 ta' Settembru, 2001 ghall-habta ta' 5.30pm, fuq il-bahar fl-inhawi tax-Xlendi, Ghawdex, waqt stagun maghluq ghat-tehid u kacca ta' l-ghasafar minn fuq il-bahar, waqt li kien fuq opra tal-bahar, kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur, haj jew mejjet, jew xi partijiet minn xi ghasfur, li mhux imsemmi fl-Iskeda Tlieta li tinsab mar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg, u dan bi ksur ta' A.L 146/93 Reg. 9(2)(f);

**(2)** u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ghasfur, haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li ma kienx ghasfur inkluz fl-Iskedi Wiehed, Tnejn jew Tlieta tar-Regolamenti dwar il-Harsien ta' L-Ghasafar u l-Fenek Selvagg, u dan bi ksur ta' A.L. 146/93 Reg. 12(1)(2);

**(3)** u aktar talli fl-istess data, hin, post u cirkostanzi kellu f'idejh *harpoon* minghajr licenzja tal-Kummissarju tal- Pulizija u dan bi ksur tal-Kap. 66 Art. 13(1);

L-ewwel Qorti kienet mitluba li, barra li taghti l-piena stabbilita, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti, kif ukoll tordna l-iskwalifika tal-licenzji tal-armi u ksib ta' licenzja taht ir-regolamenti ta' A.L 146/93 ghal perjodu ta' mhux inqas minn sena;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-20 ta' Marzu, 2002, li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Martin Cremona mit-tielet imputazzjoni izda sabitu hati skond l-ewwel zewg imputazzjonijiet, u kkundannatu multa ta' mitt lira (Lm100) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tal-kacca ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Martin Cremona, minnu ppresentat fis-26 ta' Marzu, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu wiehed, u wiehed semplici, u cioe` li ma kienx hemm prova li hu kien fil-pussess tat-tajra protetta, peress li fuq id-dghajsa li waqqfu l-pulizija kien hemm tlieta minn nies, b'mod li ma jistax jinghad li l-imsemmija tajra kienet fil-pussess tieghu u mhux fil-pussess ta' l-ohrajn.

Dana l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Apparti li oggett jista' jkun kontemporaneament fil-pussess ta' aktar minn persuna wahda, mid-deposizzjoni ta' P.C. 882 John Falzon – l-uniku xhud f'din il-kwaza – jirrizulta car li l-appellant kien assuma r-responsabbilta` tat-tajra in kwistjoni hekk kif din instabet fid-dghajsa (jew *speed boad*) li kien qed isuq.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' sena skwalifika mill-licenzja tal-kacca jibda jiddekorri mill-lum.

A. Testone
Deputat Registratur